TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviz Numru CCT 110/13/GB

**Angelo Mifsud**

**vs**

**David Camilleri – D. Marmi**

Illum 10 ta' Lulju 2013

**It-Tribunal**

Wara li ha konjizzjoni tal-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-23 ta' Mejju, 2013 fejn ir-rikorrent talab rifuzjoni ta' elf sitt mija u sebghin Ewro (€1,670.00), rapprezentanti l-prezz li huwa hallas lill-intimat ghal wicc tal-bank tal-kcina, liema xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti.

L-intimat ma pprezentax risposta bil-miktub ghal din it-talba, u lanqas ma attenda ghas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda guramentata tar-rikorrent li huwa l-istess rikorrent, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti, kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra s-segwenti:**

**Ir-rikorrent issottometta bil-miktub illi:-**

Inqasam il-wicc tal-bank tal-kcina maghmul mill-'Quartz', minhabba li x-xoghol mhux mahdum skond is-sengha u l-arti.

Ir-rikorrent ezebixxa certifikat iffirmat mill-Perit Ennio Ellul, u datat 14 ta' Mejju 2013.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

L-intimat, debitament notifikat kemm bl-Avviz tat-Talba kif ukoll bid-data u l-hin tas-smiegh, u msejjah tliet darbiet, m'attendiex ghas-sèduta, kif ukoll jinnota li sal-hin tas-seduta l-intimat kien ghadu ma baghatx risposta bil-miktub.

It-Tribunal jikkonsidra illi fix-xhieda guramentata tar-rikorrent, huwa rega' kkonferma l-verzjoni tieghu bil-miktub, fejn zied jghid illi fl-4 ta' Ottubru 2011 huwa kien ordna wicc tal-bank tal-kcina maghmula mill-'Quartz' b'izola tal-hob tal-cooker fin-nofs li kienet ikkonnettjata mal-kumplament tal-bank tal-kcina minghajr ebda support. Kompla jistqar illi din il-parti ta' l-irham bidet tixxaqqaq mill-cooker 'l barra. Ghamel referenza ghar-rapport tal-perit li huwa ezebixxa flimkien mat-talba tieghu, illi jikkonferma li dan il-wicc kien qed jixxaqqaq u li jekk dan ix-xaqq ikompli jikber jista' jkun ta' periklu kbir, iktar u iktar meta hemm tfal zghar fid-dar.

Ir-rikorrent ezebixxa zewg (2) ritratti, li gew immarkati bhala Dok.AM1; flimkien mar-ricevuta, li giet immarkata bhala Dok.AM2.

**Ghal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, wara li kkonsidra dak kollu hawn fuq premess, jinnota n-nuqqas ta' rispett da parte ta' l-intimat lejn ir-rikorrent, billi ma pprezenta l-ebda risposta ghat-talba in kwistjoni, kif ukoll in-nuqqas ta' rispett li ntwera lejn dan it-Tribunal, billi lanqas biss indenja ruhu jidher ghall-udjenza appuntata. It-Tribunal, wara li ha konjizzjoni tal-provi, b'referenza specifika ghar-rapport tal-Perit ezebit, qed jilqa' t-talba tar-rikorrent, u jordna lill-intimat ibiddel l-irhama in kwistjoni kompletament u jerga' jarmaha b'mod sikur u skond is-sengha u l-arti, dan kollu a spejjez ta' l-intimat, u bl-ispejjez tal-kawza kontra l-istess intimat.

**Avv. Gabrielle Buttigieg**
**Arbitru**